MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Numru. 39/2003

**Il-Pulizija**
**Speettur Geoffrey Azzopardi**
**Spettur Ramon Mercieca**

**KONTRA**

**Ludvig Bugeja ta' 34 sena, iben Angelo u Yvonne nee' Camilleri, imwieled Tal-Pieta' nhar il-05.02.1976, residenti fil-fond numru 18, Triq l-Iljun, Cospicua, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 113 276 M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Ludvig Bugeja** li gie akkuzat talli:

Nhar it-18 ta' Dicembru, 2002 ghall-habta tas-1.00pm, minn gewwa l-hanut Vodafone fi Triq Santa Lucija, il-Belt

Valletta, ikkommetta serq ta' telephone cellulari liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

U aktar talli nhar it-18 ta' Dicembru, 2002 u fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg haddiehor, u cioe' l-imsemmi telephone cellulari misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

U aktar talli kiser Probation Order a tenur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 16.05.2001 u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu u aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 25.09.1998.

Rat il-kunsens ghal proceduri sommarji a folio 14;

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat wiegeb illi kien hati tal-akkuzi lilu dedotti u li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat anke li hemm prezentat ghalhekk dak kellu jkun Pre-Sentencing Report, stante l-ammissjoni registrata.

Rat li fuq ordni tal-Qorti giet prezentata fedina penali aggornata tal-imputat. Ikkunsidrat id-diversi problemi li jaffliggu lill-imputat, u fil-fehma taghha l-ftit progress li ghamel hu f'kors ta' snin twal, tant illi nonostante cio' qatt ma spicca programm b'success.

Illi qieghda ghalhekk issib htija wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 268, 278, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta
Tqis ghalhekk illi l-piena idonea hija dik karcerarja effettiva ghal sitt (6) xhur;

Tikkundannah ukoll ghal multa fl-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro(€233) ghall-ksur tal-provvediment taht il-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan wara li rat l-Artikolu 10 tal-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------